MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.

## GRAZIELLA BEZZINA

Seduta tat-18 ta' Marzu, 2015

Talba Numru. 513/2014

**GO plc**
**C22334**

**Vs**

**Abela Lynn**
**ID277981-[M]**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-Socjeta` attrici talbet illi l-konvenuta ghandha thallas lis-Socjeta` attrici s-somma ta' elf, erba' mija, tlieta u disghin ewro u tletin centezmu (€1,493.30c) liema ammont huwa in konnessjoni mas-servizzi ta' kommunikazzjoni bl-akkont numru A/C40102403 moghtija mis-Socjeta` attrici skont l-annessi dokumenti

mmarkati Dok.'IZY1' u Dok.'IZY2' – prospett u ftehim ghall-akkont relattiv u Dok.'IZY3' – estratt mir-Registru Elettorali, u Dok.'IZY4' – kopja ta' ittra ufficjali a tenur tal-Artikolu 166A tal-Kapitolu 12.

Illi l-konvenuta giet interpellata sabiex thallas izda baqghet inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali kontra l-konvenuta li hija ngunta ghas-Subizzjoni.

Ra d-dokumenti li gewipprezentati mal-Avviz tat-Talba, u li gew immarkati minn Dok.'IZY1' sa Dok.'IZY4'.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenuta giet debitament notifikata bl-Avviz, ma kkontestatx il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma dehret ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Semgha d-deposizzjoni li nghatat minn rapprezentant tas-Socjeta` attrici fis-seduta tat-13 ta' Marzu, 2015, permezz ta' liema xhieda gie dikjarat illi l-konvenuta ma wettqet ebda hlas akkont tal-ammont pretiz u li ghalhekk l-ammont ghadu dovut fl-intier tieghu.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-Socjeta` attrici tirrizulta soddisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-istess konvenuta thallas lis-Socjeta` attrici s-somma ta' elf, erba' mija, tlieta u disghin ewro u tletin centezmu (€1,493.30c), bl-imghax kif mitluba. L-ispejjez jkunu a karigu tal-konvenuta.

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------